MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2007

Mandat Numru. 836/2007/1

**Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 836/07 fl-ismijiet:**

**DAZ Co. Limited**

vs

**BAY STREET HOLDINGS LIMITED**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors imressaq fil-5 ta’ Ġunju, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija rikorrenti talbet li l-Qorti żżomm lill-kumpannija intimata milli tkompli tippermetti lil terz u ċjoe’ min qed jopera taħt l-isem ta’ “*JoJo’s Accessories by Tal-Lira*” fl-istess kumpless ta’ Bay Street milli jkompli jopera bħala ħanut li jbiegħ il-“*costume jewellery*” jew ibiegħ il-“*costume jewellery*” mill-istess kumpless;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta’ Ġunju, 2007, li bih ordnat in-notifika lill-kumpannija intimata;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-kumpannija intimata fit-8 ta’ Ġunju, 2007, li biha u għar-raġunijiet minnha mfissra, laqgħet għat-talba tal-kumpannija rikorrenti billi qalet li t-talba hija ġuridikament improponibbli għaliex m’hijiex talba maħsuba biex l-intimata titwaqqaf milli tagħmel xi ħaġa hija stess, imma hija talba biex l-intimata twaqqaf lil ħaddieħor milli (jkompli) jagħmel xi ħaġa. Minbarra dan, ma jeżistux l-elementi tal-jedd *prima facie* u tal-ħtieġa mitluba mil-liġi biex jinħareġ il-Mandat;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta’ Ġunju, 2007, li bih appuntat ir-rikors għas-smigħ tal-20 ta’ Ġunju, 2007;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta’ Ġunju, 2007, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li l-kumpannija rikorrenti trid li jinħareġ il-Mandat biex tħares it-twettiq min-naħa tal-kumpannija intimata ta’ ftehim li sar bejniethom fis-16 ta’ Frar, 2006[1] (flimkien ma’ “*Management Agreement*” magħmul ukoll dak inhar), li bih tal-ewwel ingħatat konċessjoni li tuża u tħaddem ħanut fil-kumpless kummerċjali *Baystreet*, f’San Ġiljan, għal żmien ta’ erbatax-il sena u nofs, b’seħħ mill-1 ta’ Mejju, 2006;

Tqis li l-kumpannija rikorrenti kienet intrabtet li tmexxi negozju biss ta’ *costume jewellery* u aċċessorji tagħhom, aċċessorji għax-xagħar, ħaġar semi-prezzjuż u kristalli, oġġetti għat-tiżjin magħmulin minn ħaġar semi-prezzjuż jew kristalli, aċċessorji għat-tieġ magħmlin minn ħaġar

[1] Dok “DAZ1”, f’paġġ. 40-5 tal-atti

semi-prezzjuż jew kristalli, u ħwejjeġ għall-ilbies, magħduda ħwejjeġ għat-tfal;

Tqis li l-kumpannija rikorrenti tilminta li l-kumpannija intimata naqset li tħares ir-rabta tagħha li ma tħallix li jinfetaħ ħanut ieħor fl-istess kumpless kummerċjali li n-negozju ewlieni tiegħu jkun il-bejgħ ta' *costume jewellery*, jekk mhux f'taqsima tal-kumpless indikata f'pjanta mehmuża mal-ftehim[2];

Tqis li tali lment tal-kumpannija rikorrenti jikkonsisti fil-fatt li fil-kumpless hemm stabiliment bl-isem ta' "*JoJo's Accessories*" li l-kumpannija rikorrenti tisħaq li n-negozju ewlieni tiegħu huwa dak li, bil-ftehim imsemmi, hija nnifisha kellha teżerċita fl-istess kumpless;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli li tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[3];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[4]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha

[2] Klawsola 26 tal-ftehim, f'paġ. 44 tal-ati
[3] Art. 873(1) tal-Kap 12
[4] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[5];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[6]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li l-kumpannija rikorrenti ma twaqqfet bl-ebda mod milli tkompli tmexxi n-negozju tagħha skond il-ftehim li hija għandha mal-kumpannija intimata, imma tilminta minn kompetizzjoni li tgħid li qegħdha ssirilha minn terz li daħal fil-qasam tagħha ta' kummerċ fl-istess ambjenti tal-kumpless kummerċjali ġestit mill-intimata;

Tqis li, l-element tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat jimplika xi ħaġa iżjed minn skomdu jew diffikulta' għall-parti li tkun talbet il-ħruġ ta' dak il-Mandat[7]. Il-preġudizzju li l-parti rikorrenti tkun trid twaqqaf irid ikun wieħed li ma jkunx hemm rimedju ieħor għalih jekk mhux bil-ħruġ tal-Mandat;

Tqis ukoll li l-Mandat ta' Inibizzjoni ma jistax ħlief jirrigwarda obbligazzjoni "*di non fare*"[8], u ma jistax iservi biex iġiegħel lill-kumpannija intimata biex iżżomm il-wegħda li hija setgħet intrabtet biha fil-ftehim mar-rikorrenti. Dwar dan, hija tista' ddur għar-rimedji l-oħrajn li

---

[5] Art. 875(3) tal-Kap 12
[6] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[7] Kumm **26.5.1995** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)
[8] P.A. **23.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Żerafa vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.983)**

l-liġi tagħtiha, f'dak li għandu x'jaqsam ma' nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni;

Tqis ukoll li, normalment, Mandat ta' Inibizzjoni ma jinħariġx fejn l-azzjoni jew l-għamil li jkun maħsub li jinzamm, ikun fil-fatt twettaq diġa'[9]. Minn dak li joħroġ mir-rikors, jidher li l-attivita' kummerċjali li minnha tilminta l-kumpannija rikorrenti kienet ilha mal-ħames ġimgħat li bdiet qabel ma tressaq ir-Rikors innifsu;

Għalhekk, il-Qorti ssib li ma jeżistux il-kundizzjonijiet mistennija mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat mitlub, u għaldaqstant:

**Tiċħad it-talba** tal-kumpannija rikorrenti għall-ħruġ talMandat, bl-ispejjeż kontra tagħha.

Mogħti kameralment illum, 2 ta' Lulju, 2007.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[9] P.A. RCP **23.7.2001** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***James Pearsall et vs Maurice Żarb Adami noe et***